**10 ta' Mejju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Salvatore Bondin

versus

Paul Vella *noe*

**Soċjetà Anonima – Xoljiment – Stralċ – Ħlas ta' Djun – Tempestività**

*Wara r-risoluzzjoni tax-xoljiment ta' soċjetà kummerċjali, l-iskop ta' dik is-soċjetà jinbidel u jittrasforma ruħu minn dak ta' prosegwiment ta' attivitajiet normali kummerċjali għal dak ta' realizzazzjoni ta' l-assi u ħlas ta' djun, u distribuzzjoni bejn is-soċi ta' dak li jkun baqa'.*

*Hija intempestiva talba ta' kreditur, magħmula waqt li tkun miexja l-likwidazzjoni, għall-kundanna tal-likwidatur biex iħallas dejn tas-soċjetà.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li l-attur jinsab kreditur tal-konvenut *nomine* fis-somma ta' Lm1603.75 (elf sitt mija u tliet liri Maltin ħamsa u sebgħin ċenteżmu) rappresentanti din is-somma in kwantu għal Lm1375, (elf tliet mija ħamsa u sebgħin lira) skadenza ta' kera fuq il-*Garage* nru 2 Valletta Road, Imqabba għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 1989 sal-31 ta' Ottubru 1989 u in kwantu għal Lm228.75 (mitejn tmeinja u għoxrin lira Maltija ħamsa u sebgħin ċenteżmu) skadenza ta' kera tal-*garage* msejjaħ *St Joseph* ukoll f'Valletta Road, Imqabba għall-perijodu mill-1 ta' April 1990 sa l-1 ta' Settembru 1990;

Peress illi l-attur interpella lill-konvenut *nomine* sabiex iħallas din is-somma ta' elf sitt mija u tliet liri ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm1603.75), però l-konvenut *nomine* baqa' ma ħallas xejn;

Peress illi jeżistu ċirkostanzi kif ikkontemplat *ai termini* ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti, l-istess attur talab li dina l-Qorti:

1. Tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai fini* ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur is-somma ta' (Lm1603.75) elf sitt mija u tliet liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu) rappresentati skadenza ta' kera;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi fit-30 ta' Jannar 1991 il-konvenut ingħata permess jikkontesta lkawża;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

*Omissis;*

3. Mingħajr preġudizzju ta' dak li ġie eċċepit hawn fuq, dwar il-mertu jingħad li l-figura ta' (Lm228.75) li hija mitluba fiċ-ċitazzjoni bħala kera tal-*garage* msejjaħ *"St Joseph"* m'hix korretta; il-kera ta' dan il-*garage* kien ta' Lm1.25,0 kuljum li għal 154 jum iġib is-somma ta' mija u tnejn u disgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm192.50,0);

4. Dwar l-ammont l-ieħor ta' Lm1,375 pretiż bħala kera tal-*garage* numru 2 Valletta Road, Imqabba, dan huwa ammont naxxenti minn obbligazzjoni li ġiet assunta mill-kumpanija in likwidazzjoni qabel ma din tpoġġiet għal-likwidazzjoni u għalhekk l-istess ammont jew kwalunkwe ammont ieħor verjuri ma jistax jiġi sodisfatt qabel ma tiġi finalizzata l-likwidazzjoni;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra jekk u meta jkun il-każ;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet li bih ġie nnominat bħala Perit Legali Dr Philip Sciberras biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tattalba attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet talkonvenut, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat li l-imsemmi Perit ppreżenta u ħalef ir-relazzjoni tiegħu debitament fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 1993;

Eżaminat bir-reqqa din ir-relazzjoni, kif ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma mill-istess Perit;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-Perit fuq indikat wara li investiga l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt involuti fil-kawża, irrelata li a bażi tal-provi mhux kontradetti ta' l-attur jirriżulta li hu għandu kreditu kontra s-soċjetà konvenuta kif talab fiċ-ċitazzjoni ċjoè s-somma ta' Lm1603.75,0 dovuta kwantu għal Lm228.75,0 kera tal-*Garage* "*St Joseph*" u kwantu għal Lm1375 kera tal-*Garage* "**Ħuttafa**";

Illi dwar l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenut, il-Perit irrelata testwalment hekk:

"Jifdal għalhekk li tiġi kkonsiderata l-unika eċċezzjoni valevoli ssollevata mill-konvenut *nomine*, jiġifieri jekk dan għandux jiġi kkundannat iħallas l-ammont irreklamat malli dan isir ġudizzjarjament aċċertabbli;

Huwa fatt indiskuss illi wara r-risoluzzjoni tax-xoljiment l-iskop tas-soċjetà jinbidel u jittrasforma ruħu minn dak ta' prosegwiment ta' attivitajiet normali kummerċjali għal dak ta' realizzazzjoni ta' l-assi u ħlas tal-passività u distribuzzjoni bejn is-soċji ta' dak li jkun baqa' biex is-soċjetà tiġi estinta;

Tajjeb ukoll li jiġi ppreċiżat illi l-funzjoni tal-likwidatur appuntat mis-soċji ta' soċjetà dixxjolta huwa dak li *inter alia* jikkustodixxi l-patrimonju tas-soċjetà (Vol. XVI p. 11 p. 69), jinvestiga l-pretiżi kollha avanzati kontra s-soċjetà mill-kredituri tagħha, jiddeċidi l-kwistjonijiet ta' gradwazzjoni li jinqalgħu, jagħmel pjan ta' distribuzzjoni ta' l-attiv, u jaħseb għat-tqassim meta l-imsemmi pjan ikun approvat, iħallas dak li għandu jittieħed mis-soċjetà f'daqqa waħda jew b'rati skond kif l-attiv tas-soċjetà jippermetti. Dawn il-funzjonijiet u setgħat huma prevvisti fl-artikolu 150 sa 160 tal-Kapitolu 168;

Naturalment għalhekk kwalunkwe kreditur ta' soċjetà għandu jfittex l-istralċjarju biex jitħallas tal-kreditu tiegħu (Vol. XXIX p. 1 p. 1360), kif in effetti għamel l-attur f'din l-istanza;

Issa fil-każ *de quo* l-konvenut *nomine* qed jikkontendi illi kwantu għall-pretensjoni attriċi referibilment għall-ħlas tal-kera tal-*Garage* "**Huttafa**" din kienet obbligazzjoni tas-soċjetà assunta qabel il-ħatra tiegħu bħala stralċjarju u li konsegwentement ma jistax jgħaddi għall-ħlas tas-somma pretiża ta' Lm1375 qabel ma jistabbilixxi definittivament il-qagħda finanzjarja tal-kumpanija u jipprepara l-iskema tal-pagamenti;

Jidher li din l-obbjezzjoni hi waħda valida u difatti ġie ritenut fil-kawża a Vol. XXXVIII p. 111 p. 818 illi "talba ta' kreditur għall-kundanna tal-likwidatur biex iħallas dejn dovut mis-soċjetà lil dak il-kreditur, waqt li tkun miexja l-likwidazzjoni, hija intempestiva";

L-istess ma jistax jingħad però għat-talba għall-kundanna tal-ħlas ta' l-arretrati tal-kera tal-*garage* l-ieħor "*St Joseph*" u in effetti dwar dan l-istess konvenut *nomine* ma joffri l-ebda

kontestazzjoni. Dan għas-sempliċi raġuni illi dik il-kirja saret bl-intervent u konoxxenza pjena tiegħu;

In vista tal-premess l-esponenti jissottometti illi:

(a) Kwantu għall-pretiża għall-ħlas tal-kera tal-*garage* "*St Joseph*" fl-ammont ta' Lm228.75,0, il-konvenut *nomine* għandu jkun obbligat jagħmel tajjeb għall-pagament tagħha in kwantu din tikkostitwixxi nefqa jew spiża neċessarja waqt il-kors ta' l-istralċ;

(b) Kwantu għall-pretiża għall-ħlas tal-kera tal-*garge* "Ħuttafa" fl-ammont ta' Lm1375 il-kwistjoni hawn hija jekk l-attur jistax jitlob din is-somma issa jew jekk hi għandhiex tidħol fil-likwidazzjoni tas-soċjetà. Simili domanda fil-kors ta' l-istralċ hija intempestiva in kwantu din tiddependi fuq l-istat ta' l-istralċ, għaliex diversament il-kredituri l-oħra tas-soċjetà jistgħu jkunu serjament preġudikati. Għaldaqshekk din it-talba bħala prinċipju għandha tiddaħħal iva fl-istralċ iżda mhux ukoll imħallsa għalissa u dan in kwantu ma jidhirx illi l-likwidazzjoni tas-soċjetà ġiet kompjuta u/jew li l-istralċjarju ppreżenta l-kont finali";

Illi minn eżami akkurat tal-provi miġbura jidher li l-istess Perit għamel apprezzament tajjeb u ġust tal-provi li ressqu l-kontendenti u applika korrettement il-prinċipji ta' dritt li jirregolaw il-każ. Għalhekk, il-Qorti tagħmel tagħha il-konklużjonijiet peritali u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess relazzjoni li qegħdin jiġu addottati;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi prevja li tiċħad l-ewwel talba ta' l-attur u prevja li tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' l-attur fil-mertu limitatament għas-somma ta'

Lm228.75,0 u prevja li tiddikjara s-soċjetà konvenuta debitriċi ta' l-attur fl-ammont rimanenti ta' Lm1375 tilqa' l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenut u għalhekk tiddikjara l-azzjoni ta' l-attur intempestiva fir-rigward ta' din l-aħħar imsemmija somma. Bl-ispejjeż u mgħaxijiet kontra s-soċjetà konvenuta.